# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2025

**Numru 2**

**Rikors Numru 1027/19TA**

**Christopher Busuttil (I.D. 719157 (M)), Anne Grech (I.D. 475255 (M)), Anthony Busuttil (I.D. 781953 (M)), Mark Busuttil (I.D. 340778 (M)), l-Avukat Dottor Clarence Busuttil (I.D. 120859 (M)), l-Avukat Dottor Graham Busuttil (I.D. 403961 (M)), u Trafford Busuttil (I.D. 138667(M))**

**vs**

**Mary Ellul (I.D. 220734 M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ppreżentat fit-28 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

1. Illi l-atturi huma lkoll qraba tal-mejta Myriam Vincenti li mietet intestata fid-9 ta' Novembru 2018 u dan kif jirriżulta mill-annessi Dokumenti 'MB1', 'MB2', u 'MB3';

2. Illi Myriam Vincenti kienet mart Hilaire Vincenti u kienet ilha de facto separata minnu għal madwar ġamsa u sittin sena qabel mewtha;

3. Illi Hilaire Vincenti wiret lil martu Myriam Vincenti billi, kif ingħad, hija mietet qablu mingħalr testment;

4. Illi Hilaire Vincenti a sua volta miet fit-28 ta' Jannar 2019 u bl-aħħar testment tiegħu pubblikat min-Nutar Dottor Sarah Agius fil-31 ta' Ottubru 2016 huwa istitwixxa lill-konvenuta bħala l-eredi universali tiegħu u dan kif jirriżulta mill-annessi Dokumenti 'MB4', 'MB5', 'MB6' u 'MB7';

5. Illi l-atturi kienu l-uniċi persuni li kienu jieħdu ħsieb ta' Myriam Vincenti billi hija sfat essenzjalment abbandunata minn żewġha għal madwar ħamsa u sittin sena qabel mewtha;

6. Illi l-atturi ipprestaw diversi serviġi lil Myriam Vincenti tul ħajjitha, għal liema serviġi huma għadhom qatt ma ġew ikkumpensati, u dan kif ser jiġi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

7. Illi in oltre l-atturi silfu diversi flejjes lill-istess Myriam Vincenti għall-għixien tagħha u daħlu fi spejjeż fl-interess tal-istess Myriam Vincenti ammontanti kumplessivament għal mija erbgħa u għoxrin elf mija ħamsa u sittin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€124,165.81), inter alia billi ħalsu kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-imsemmija Myriam Vincenti, ħallsu kontijiet ta' sptarijiet privati fejn l-istess Myriam Vincenti kienet rikoverata, investew flejjes personali tagħhom sabiex ir-rikavat minn tali investimenti ġie adoperat għall-għixien tal-imsemmija Myriam Vincenti u wkoll ħallsu l-ispejjeż funerarji ta' Myriam Vincenti, u diversi spejjeż oħra, liema ammonti qatt ma ġew rifużi lilhom u dan kif ser jiġi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

8. Illi l-atturi interpellaw lill-konvenuta, bħala eredi ta' Hilaire Vincenti li kien a sua volta eredi ta' Myriam Vincenti, permezz ta' ittra uffiċjali datata 27 ta' Settembru 2019, sabiex tersaq għall-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas tal-ammonti lilhom dovuti kif premess, iżda l-konvenuta baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx tali ammonti;

9. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi ipprestaw diversi serviġi lil Myriam Vincenti tul ħajjitha, għal liema huma għadhom qatt ma ġew kompensati u liema serviġi għandhom jiġu kompensati u mħallsa lill-atturi mill-konvenuta bħala eredi ta' Hilaire Vincenti li kien a sua volta eredi ta' martu Myriam Vincenti.

2. Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, il-kumpens dovut lill-atturi għas-serviġi minnhom prestati lil Myriam Vincenti kif premess.

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-atturi l-kumpens għas-serviġi likwidat ai termini tat-talba preċedenti.

4. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi silfu diveri flejjes lill-istess Myriam Vincenti għall-għixien tagħha u daħlu fi spejjeż fl-interess tal-istess Myriam Vincenti ammontanti kumplessivament għal mija erbgħa u għoxrin elf mija ħamsa u sittin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€124,165.81), inter alia billi ħalsu kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-imsemmija Myriam Vincenti, ħallsu kontijiet ta' sptarijiet privati fejn l-istess Myriam Vincenti kienet rikoverata, investew flejjes personali tagħhom sabiex ir-rikavat minn tali investimenti ġie adoperat għall-għixien tal-imsemmija Myriam Vincenti u wkoll ħallsu l-ispejjeż funerarji ta' Myriam Vincenti, u diversi spejjeż oħra, liema ammonti huma dovuti lill-atturi mill-konvenuta bħala eredi ta' Hilaire Vincenti li kien a sua volta eredi ta' martu Myriam Vincenti;

5. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-atturi is-somma ta' mija erbgħa u għoxrin elf mija ħamsa u sittin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€124,165.81).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk relattivi għall-ittra uffiċjali datata 27 ra' Settembru 2019, u bl-imgħax legali fuq is-somma ta' €124,165.81 mid-data tal-preżentata ta' dan ir-Rikors Ġuramentat sal-effettiv pagament u bl-imgħax legali fuq l-ammonti li għad iridu jiġu likwidati b'effett mid-data tas-sentenza fejn l-istess ammonti jkunu ġew likwidati karigu tal-konvenuta, li qed tiġi minn issa stess inġunta għas-subizzjoni tagħha."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Mary Ellul datata 25 ta' Frar 2020 u li eċċeppiet is-segwenti:

"Dikjarazzjoni tal-Fatti

1. Illi l-fatti kif dikjarati fil-paragrafi 1 sa 4 inklużi, tar-rikors ġuramentat m'humiex kontestati.

2. Illi l-fatti l-oħra huma kontestati.

3. Illi m'huwiex minnu li Myriam Vincenti id. 694928(M) sfat abbandumata, stante li Hilaire Vincenti kien jagħti manteniment lil Myriam Vincenti fl-ammont ta' circa Euros 2000 fix-xahar kif jidher mir-rikors u mid-digriet mogħti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) li qiegħdin jiġu hawn esebiti bhala **dok X1**;

4. Illi fl-aħħar ta' ħajjitha, il-manteniment ta' Hilaire Vincenti kien inter alia iħallas tad-dar tal-anzjani ta' Myriam Vincenti kif ukoll ta' ' carer' addizzjonali. Illi x'ġara mill-flus (sostanzjali) li kien ħareġ mill-patrimonju ta' Hilaire Vincenti sabiex tiġi mantnuta Myriam Vincenti, l-atturi kiss jafu, li fl-aħħar snin ta' ħajjitha kellhom il-kontroll tal-assi tal-istess Myriam Vincenti.

5. Illi oltre hekk, Myriam Vincenti kellha assi personali tagħha. X'ġara mid-dar parafernali tagħha liema proprjeta' (safejn taf l-eccipjenti iżda għad iridu jsiru riċerki) spiċċa għand l-attura f'din il-kawża u persuni oħra terzi li jiġu neputijiet tal-familja Busuttil.

6. Illi meta Myriam Vincenti u Hilaire Vincenti sseparaw, dan kien versu s-sena 1952, u Myriam Vincenti kellha xi 24 sena. Illi għalhekk bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-atturi ħadu ħsieb lil Myriam Vincenti meta sseparat de facto minn Hilaire Vincenit, stante li dan iż-żmien Myriam Vincenti kellha madwar 24 sena u setgħet faċilment tieħu ħsieb lilha nnifsha (inkluż bil-manteniment ta' Hilaire Vincenti) u stante li l-atturi stess lanqas biss kienu twieldu dak iż-żmien! Dak iż-żmien Myriam Vincenti kienet mara b'saħħitha u kien biss fl-aħħar snin ta' ħajjitha li semmai kellha bżonn xi għajnuna.

7. Illi huwa kontestat li l-atturi pprovdew xi serviġi lil Myriam Vincenti, u anke li kieku tawha xi għajnuna fl-aħħar snin ta' ħajjietha, huma kienu qraba tal-istess Myriam Vincenti u għalhekk din l-għajnuna ingħatat mingħajr ebda aspettattiva ta' kumpens, u b'kull rispett ma jistgħux issa wara li ġiet nieqsa Myriam Vincenti u li Mary Ellul aċċettat il-wirt, jagħmlu dawn il-pretenzjonijiet infondati.

8. Illi lanqas ma jirriżulta li l-atturi selfu xi flus lil Myriam Vincenti.

9. Illi filfatt ma jidher minn imkien li qabel il-mewt ta' Myriam Vincenti, l-atturi għamlu xi talba għal serviġi jew kumpens, jew li kienu selfu xi flus lil Myriam Vincenti. Illi tul ħajjiet Myriam Vincenti, jekk l-atturi kienu jgħinu lil Myriam Vincenti, dan kienu jagħmluh volontarjament għaliex kienu qraba tagħha u ma jistgħux jitolbu

kumpens, oltre illi żgur u ċertament li kienu qegħdin jiġu kumpensati mill-istess Myriam Vincenti li kellha assi tagħha, u fejn ma jidhirx li huma qatt għamlu xi talba għal xi kumpens waqt li Myriam Vincenti kienet għadha ħajja.

10. Illi l-atturi qegħdin biss jintavolaw dawn il-proċeduri għaliex kienu ġew intavolati proċeduri kontra l-istess atturi, sabiex jiġu annullati żewġ kuntratti ta' donazzjoni li Myriam Vincenti kienet tat lill-istess atturi (u qraba oħra tagħha) kontra l-liġi, u fejn għalhekk l-atturi qegħdin jittentaw jinqdew b'dawn il-proċeduri sabiex jieħdu mod ieħor mill-wirt ta' Myriam Vincenti u jagħmlu pressjoni fuq l-eredi ta' Myriam u Hilaire Vincenti. Illi għalhekk f'każ li il-proċeduri 1077/2017 FDP u 218/2018 FDP jiġu merbuħa mill-atturi, din il-kawża ma hi xejn għajn aġir ta' ingratitudni skont il-liġi.

<u>Eċċezzjonijiet</u>

1. Illi preliminarjament, din il-kawża għandha tinstema' kontestwalment mal-kawżi "Mary Ellul v Myriam Vincenti et" (rikors 1077/2017 FDP) u "Av Veronica Aquilina noe vs Myriam Vincenti" (rikors 218/2018 FDP), liema kawżi jinvolvu l-partijiet mertu ta' din l-istess kawża u jirrigwardaw żewġ donazzjonijiet li l-mejta Myriam Vincenti kienet tat lill-atturi u qraba oħra tagħha.
2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, it-talta tal-atturi rigward self huma almenu in parte preskritti skont l-Artikolu 2156(e) tal-Kap. 16.
3. Illi huwa ċertament kontestat li l-atturi taw xi għajnuna u/ew ipprestaw serviġi, lil Myriam Vincenti, liema għajnuna trid tiġi pruvata.
4. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, anke f'każ li l-atturi pprestaw xi għajnuna lil Myriam Vincenti, din l-għajnuna ingħatat bħala minnhom bħala qraba tal-istess Myriam Vincenti u għalhekk mingħajr ebda aspettattiva ta' kumpens għas-serviġi.
5. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, huwa kontestat li l-atturi selfu xi flus lil Myriam Vincenti, liema self irid jiġi pruvat u jrid jiġi pruvat ukoll kwalunkwe self għadu dovut.
6. Illi mingħajr pregudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
7. B'riżerva għal eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi. L-eċċipjenti tagħmilha wkoll ċara li f'każ li l-atturi jinsistu fuq it-talbiet tagħhom f'din il-kawża, qegħdin jżommu ferm ukoll id-dritt li jintavolaw talba opportuna kontra l-atturi minħabba l-ingratitutdni tagħhom fil-konfront tal-mejta Myriam Vincenti."

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Qrat ix-xhieda fil-kawża.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2024 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatt**

Huwa fatt mhux kontestat bejn il-partijiet illi l-atturi huma kollha qraba tal-mejta Myriam Vincenti li mietet fid-9 ta' Novembru 2018. Il-Qorti setgħet tara li l-kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Myriam Vincenti turi li isem Myriam huwa miktub Miriam (a fol. 8). Pero' ma kien hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet fuq l-identifikazzjoni tal-mejta Myriam Vincenti, iktar u iktar meta n-numru tal-identita' tagħha minn dejjem kien l-istess wieħed f'kull dokument li hemm fl-atti tal-proċess.

Mhux anqas fatt kontestat bejn il-partijiet illi Myriam Vincenti kienet mart Hilaire Vincenti b'dan illi pero' Myriam u Hilaire kienu separati *de facto* għal għexieren ta' snin qabel hija mietet.

Lanqas ma hu fatt kontestat bejn il-partijiet illi hija mietet intestata qabel żewġha bir-riżultat illi żewġha, Hilaire Vincenti, wiret lil martu.

Mhux ukoll fatt kontestat bejn il-partijiet illi Hilaire Vincenti miet fit-28 ta' Jannar 2019 u għamel testament wieħed fl-atti tan-Nutar Dottor Sarah Agius fil-31 ta' Ottubru 2016 fejn huwa istitwixxa lill-konvenuta, Mary Ellul, bħala l-eredi universali tiegħu. Kopja tal-imsemmi testament tinsab a fol. 15 sa 19.

**Punti ta' kontestazzjoni u kunsiderazzjonijiet**

Filwaqt illi l-partijiet jaqblu fuq diversi fatti hawn fuq imsemmija, l-Atturi jikkontendu illi meta Myriam Vincenti sfat separata *de facto* minn ma' żewġha, huma ħadu ħsiebha sakemm mietet. Qabilhom kienu l-ġenituri u n-nannu tagħhom li kienu jieħdu ħsiebha. Għaldaqstant, huma qed jitolbu somma likwidata bħala serviġi reżi lil Myriam Vincenti.

It-tieni punt ta' kontestazzjoni huwa dwar ammont ta' flejjes li l-Atturi jikkontendu li kienu silfu lil Myriam Vincenti sabiex setgħet tgħix ħajja komda u dinjituża sakemm mietet.

Għaldaqstant, din il-Qorti ser l-ewwel tqis it-talba tas-serviġi u wara ser tkun qed teżamina t-talba dwar l-imsemmi self.

## 1. <u>Is-Serviġi</u>

### *i.* <u>*Definizzjoni ta' serviġi*</u>

Jibda biex jingħad li l-kelma u definizzjoni legali ta' serviġi *per se* ma nsibuha mkien fil-Kodiċi Ċivili tagħna. B'dana kollu l-Qrati tagħna konsistentament jgħallmu li "*Il-fatt illi titlob is-serviġi tfisser illi l-persuna għall-ohra tkun qegħda tifhem li qegħda tingħata servizz*." (Ara **Sentenza fl-ismijiet George u Maria Dolores konjuġi Ciantar -vs- Bartolo Rena tas-26 ta' Marzu 2012, Qorti tal-Maġistrati (Malta)**). Di piu' la l-liġi u lanqas il-Qrati qatt ma llimitaw liema xorta ta' servizzi jistgħu jingħataw minn persuna lill-oħra sabiex ikunu kkunsidrati bħala serviġi. Dan ifisser li kull tip ta' servizz li persuna tipprovdi lil persuna oħra għandu jitqies bħala servizz. L-importanti hu li s-serviġi li jingħataw ikunu tali li altrimenti l-benefiċċjarju tagħhom kien

> ikollu jħallas fl-immedjat għalihom. Din il-Qorti tgħid ukoll, li meta s-servizzi jingħataw bi speranza ta' ħlas, dawn jammontaw għal servizzi mogħtija fl-immedjat b'dana li kull ħlas u kumpens ikun pospost għal meta jkun il-waqt li dawn jintalbu.

Inoltre', il-ġurisprudenza tistabilixxi li s-serviġi reżi joħolqu relazzjoni ta' kważi-kuntratt bejn il-persuna li tagħtihom u dik li tirċivihom, u għalhekk għandu japplika l-Artikolu 1012 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Domenic Camilleri et -vs- Carmelo u Lucia konjuġi Vella et deċiża fl-4 ta' Novembru 2024, Qorti tal-Appell, Ref.: 57/11/2).**

Il-ġurisprudenza tisħaqq ukoll li dawn is-serviġi jistgħu jingħataw lil kull persuna mingħajr ma hemm ebda distinzjoni dwar jekk dawn humiex jingħataw lil xi membru tal-familja jew lil xi persuna li ma hix parti mill-familja.

**ii. Jekk ingħatawx serviġi f'dan il-każ**

Fid-dawl tal-priniċipji ġuridiċi ennunċjati, il-Qorti qieset il-provi kollha prodotta mill-atturi sabiex tifhem jekk l-Atturi verament ipprovdewx serviġi lil Myriam Vincenti.

F'dan il-każ, xehdu diversi Atturi dwar is-serviġi li rrendew lil Myriam Vincenti. Xehed Clarence Busuttil fis-27 ta' Mejju 2021 fejn qal illi "*To start of with, l-iktar waħda li kienet tkun frekwenti ma' Miriam Vincenti inkluż, last years qed nitkellem, inkluż li ssajrilha u teħdilha l-ikel kuljum, kienet Anne Grech li tiġi l-kuġina tiegħi … Marisa Busuttil qabel kienet Grima, qabel ma żżewġet effettivament ukoll tinżel kuljum għandha għal dan l-iskop … Jien naf li ħasil ta' ħwejjeġ, xiri ta' ħwejjeġ ukoll, da parti ta' Anne Grech … Dwar Anthony Busuttil u Graham Busuttil kienu jieħdu ħsieb ovvjament kienu qisu tipo l-prokuraturi jieħdu ħsieb kontabbilita',*

*ħlasijiet, pagamenti, invoices, u affarijiet simili. Dwar Christopher Busuttil konna ngħidulu l-handyman tagħha … Dwar Trevor Busuttil nista' ngħidlek illi kien sifirha Lourdes u Ruma flimkien ma' ommi, u effettivament kien iħallas kollox hu minn butu. Dwari nista' ngħid illi jien għamilt perjodu sija bħala konsulent legali tiegħu, this was going back quite a few months ago u ovvjament kwalunkwe għajnuna li stajna ntuha, kont nagħtiha*" (a fol. 61). Anthony Busuttil ikkonferma dak kollu li xehed Clarence Busuttil (Ara affidavit a fol. 77). Xehed ukoll f'dan ir-rigward Christopher Busuttil fil-11 ta' Mejju 2022 (a fol. 104). Anne Grech ukoll ikkonfermat dak li kienet tagħmel hi ma' Myriam Vincenti f'dettall kbir fl-affidavit tagħha (a fol. 110 sa 118).

Il-Qorti qieset bir-reqqa x-xhieda ta' Mark Busuttil fis-16 ta' Mejju 2023 b'referenza għal xi *invoices* (a fol. 169 sa 172). Hawn jissemma' Tuse Borg u jingħad illi "*Tuse Borg kien il-handyman li kien imur jaħdmilha … għax kien imur jixtrihom u mbagħad jagħtina l-kont … Tuse' Borg joqgħod H'Attard*" (a fol. 285). Christoper Busuttil xehed fit-28 ta' Frar 2022 illi huwa qua direttur ta' kumpannija tal-assikurazzjoni (a fol. 106). Dan jiċċara fix-xhieda tiegħu illi "*kont nieħu ħsieb li nġibulha l-plumbers u painters … kellha problemi kienet tgħidli biex immur nibdlilha l-gas il-ħin kollhu … Naħseb darba fil-ġimgħa żgur kont immur*" (a fol. 104 u 105).

Għaldaqstant, minkejja ċ-ċaħda kategorika tal-konvenuta fl-eċċezzjonijiet tagħha din il-Qorti tqis li l-Atturi rnexxilhom jippruvaw fuq bażi ta' probabbilita', li l-Atturi tassew irrendew serviġi lil Myriam Vincenti.

**iii. Dritt ta' kumpens tas-serviġi mogħtija u likwidazzjoni**

Stabbilit li ingħataw serviġi mill-Atturi lill-mejta, il-Qorti tfakkar li jeżistu diversi sentenzi dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 1012 tal-Kodiċi Ċivili. Dawn jgħidu li meta s-serviġi jingħataw bi ħsieb li persuna titħallas ta' dawk is-servizzi mogħtija l-kumpens ikun dejjem dovut. Waħda minn dawn is-sentenzi riċenti hija diik **fl-ismijiet *Carmen Micallef vs Joseph Micallef u Francis Micallef* deċiża fit-30 ta' Ottubru 2024, Prim'Awla Qorti Ċivili**, fejn il-Qorti għamlet referenza għal diversi Sentenzi, irriteniet illi fis-sentenza 'Carmelo Azzopardi et vs Alfred Camilleri et' deċiża fis-26 ta' Ġunju 2018 – *"Illi ai termini tal-Kodiċi Ċivili s-serviġi huma kkunsidrati bħala tip ta' kważi-kuntratt. L-artikolu 1012 tal-Kodiċi Ċivili jiddefenixxi l-kważi kuntratt bħala: "fatt leċitu u volontarju, li minnu toħroġ obbligazzjoni lejn persuna oħra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin." Abbażi tal-prinċipju delineat f'dan l-artikolu persuna li tippresta serviġi tesiġi d-dritt li tiġi kumpensata u dan għar-raġuni li hija tkun qed tarreka vantaġġ lill-persuna li tkun qegħda tirċievi tali serviġi. Tul is-snin iżda l Qrati tagħna varjaw il-mod kif iħarsu lejn is-serviġi u l-ħlas tagħhom. Fil kawża fl-ismijiet Giuseppina Deidun et vs. Emila Poggi et deċiża il Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Ottubru, 1954 ingħad kif isegwi: 'Il-kumpens għal serviġi prestati jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta ċ ċirkustanzi juru ċar illi min ippresta s-serviġi kellu l-intenzjoni li jitħallas għalihom. Il-prestazzjoni tal-serviġi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita' u r-rinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment. U fil-ġurisprudenza reċenti, anki għar-rigward tal-parenti, huwa applikabili l-prinċipju li*

*kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwita', sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela. Jekk il-provi juru li, meta ġew prestati s serviġi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jitħallas għalihom, ma hemmx lok għall-kumpens. Dak li hu importanti li għandu jiġi eżaminat, biex wieħed jara għandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta ġew prestati s-serviġi; u ċirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joħolqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joħolqu."* L-istess ħsieb huwa kkonfermat fis-**Sentenza fl-ismijiet ta' Domenic Camilleri u oħrajn** (suċitata).

Il-Qorti tqis illi jista' jkun hemm istanzi fejn is-serviġi jkunu mogħtija mingħajr ebda ħsieb ta' kumpens. Għalhekk jinsorġi l-argument illi l-Atturi ma ridux ikunu kkumpensati. Issa f'dan ir-rigward Christopher Busuttil xehed is-segwenti:

"***Dr. Massimo Vella**: Int kellhek xi expectation ta xi tip?*

*Xhud: Ifhem jekk dawn qisna nippretendu li xi darba konna ser nieħdu xi ħaġa tagħhom imma ma hemmx x'tagħmel, din trid tkun komda hi hux.*"

Anne Grech fl-affidavit tagħha tgħid illi "*I did this out of my own free will, and my aunt always used to want to give me various items of furniture and jewellery from around the house, which I always refused as I was sure she would like to use them during her lifetime*" (a fol. 118).

Minn dan il-passaġġ jirriżulta li din ma riditx iċċaħħad lill-mejta minn ħwejjiġha f'ħajjitha pero' m'hiex teskludi li ma riditx tkun ikkumpensata wara mewta. Għalhekk għal din il-Qorti huwa ċar illi l-atturi dejjem kellhom l-intenzjoni li jkunu kkumpensati tas-serviġi li pprovdew lil Myriam Vincenti. Il-fatt minn f'ħajjet il-

persuna tiġih suġġestjoni minnha billi ma jitlobx il-ħlas, ma jifissirx li jkun qiegħed jirrinunzja li jitlob dan il-ħlas mill-eredita' tagħha, sakemm ma jirriżultax b'mod ċar u univoku li tassew dak li għamel mal-mejta f'ħajjitha għamlu *ex- causa pietatis jew familjaris* għaliex huwa prinċipju ġenerali *omnia labor optat premium*.

Christopher Busuttil xehed illi ried li jkun ikkumpensat għalkemm Myriam Vinċenti kienet zitu u kien iħobbha. Anne Grech tat rendikont verament dettaljat tal-prestazzjoni tas-serviġi tagħha. Iż-żamma ta' rendikont dettaljat hija indikazzjoni ċara li kien il-ħsieb li jintalab il-ħlas, altrimenti għalfejn l-iskariġġ li dak li jkun iżomm rendikont? Għalhekk dan kollu ma jħalli ebda dubju f'moħħ din il-Qorti illi kien hemm l-intenzjoni tal-ħlas ta' dawn is-serviġi. L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*." Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-presunjoni *iuris tantum* hija li s-serviġi huma dejjem mogħtija bi ħsieb ta' ħlas sakemm ma jkunx daqstant ċar u unekwivoku li min ipprovda s-serviġi għamel hekk gratwitament kif fuq spjegat. Di fatti fis-sentenza ***Carmen Micallef vs Joseph Micallef u Francis Micallef*** fuq imsemmija, il-Qorti qalet illi "*Imbagħad fil-każ Tessie Micallef vs Lawrence Galea et deċiż fit-28 t'April 2011 kompla jingħad hekk - "Min jallega li s-serviġi saru b'xejn irid iġib provi tajbin biżżejjed biex iwaqqa' l-preżunzjoni li s-serviġi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas. Fis-sentenza deċiża fil-25 ta' April 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imħallef R. Pace) fl-ismijiet Caruana vs Mallia (Kolleż. Vol: LXXXVI.iii.174) ġie konfermat li kull serviġi, ukoll mogħtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu ngħataw bit-tama ta' kumpens jew ħlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi ngħata bla*

*ħsieb ta' kumpens jew ħlas (ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta (Imħallef Tonio Malllia) tal-11 ta' Diċembru 2003 fl-ismijiet Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius). Dan jirrifletti dak li qalet il-Qorti preċedentement fid-deċiżjoni fl-ismijiet Ġili vs Grixti fejn l-Qorti qalet "... fin-nuqqqas ta' ċirkostanzi li juru l-kuntrarju kull serviġi għanu jiġi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens*" fejn ukoll irriferiet għal diversi sentenzi oħrajn fuq l-istess punt legali.

Il-Qorti trid ukoll tqis l-istat finanzjarju tal-persuna li qed tippresta s-serviġi u tal-persuna li qed tirċievihom sabiex tikkonkludi jekk dawn is-serviġi setgħux ingħatawx gratwitament, hekk kif jingħad fis-sentenza ***Domenic Camilleri et vs Carmelo Vella et*** hawn fuq imsemmija. Meta din il-Qorti tal-Appell bdiet teżamina s-sentenza tal-Ewwel Qorti rriferiet għas-sentenza "*Ivy Angus v. Joseph Calleja noe deċiża mill Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata 15 ta' Frar, 1958 [fejn] ingħad kif isegwi: "Azzjoni għall-ħlas ta' kumpens għal serviġi reżi, skont il-kunsens unanimi tal-ġurisprudenza nostrali; hija bażata ġuridikament fuq il kważi-kuntratt, u unanimement fuq il-preżunzjoni li min jassoġġetta ruħu biex jagħmel serviġi lil ħadd ieħor jagħti dak l-istess xogħol bl iskop li jitħallas, ammenokke' ma jkunx għamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda ħsieb li jkun kompensat, jew li jagħti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tiegħu "familiaritatis sew pietatis causa"; f'liema l-aħħar ipotesi, min jirreklama s-serviġi jrid ibiegħed minnu dik l-istess preżunzjoni, li jkollha aktar saħħa, sabiex ikollu suċċess fl-azzjoni li huwa jintenta. Ċertament, l-intenzjoni tas-serventi li jitħallas u tal persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta' importanza f'kawżi bħal dawn; kif ukoll*

*mhux ta' min jittraskura l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-għaliex, tant mill punto di vista tal-intenzjoni tar-retribwibbilita', kemm mill-punto di vista tal-miżura tal-kumpens, dawn il-punti għandhom importanza. Hekk, per eżempju, fil-każ li persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b'persuna li taf li hija fqira, il-preżunzjoni li dawk is-serviġi saru bil fehma ta' ħlas ma treġix; u mill-banda l-oħra lanqas tista' tiġi ndotta l fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f'dak l-istat finanzjarju. Jingħad ukoll li, jekk persuna li tiġi servuta tkun ta' fakoltajiet ekonomiċi ristretti, imma mhux tali li tkun indiġenti, huwa preżunt li tisserva b'persuna li tkun kuntenta b'retribuzzjoni moderata, u mhux ġa tali li tirrendiha ndiġenti*."

F'dan il-każ, l-Atturi kienu ben konxji li Myriam Vincenti, għalkemm ma kellhiex assi tul ħajjitha waqt li kienu qed jieħdu ħsiebha, kienu jafu li r-raġel tagħha, Hilaire Vincenti, kellu diversi assi u setgħu jkunu kkumpensati fiż-żmien opportun meta Myriam tiret lil Hilaire u forsi anke jistennew id-deċess tagħha u jagħmlu talba għall-ħlas lill-eredita' tagħha. Il-Qorti temmen li l-atturi ma ridux jagħmlu din it-talba f'ħajjitha.

Fir-rigward tal-quantum tas-serviġi, minn diversi sentenzi mogħtija mill-Onorabbli Qorti diversement presjeduta u fejn ħafna minn dawn is-sentenzi huma msemmija hawn fuq, dejjem ġie ritenut illi dwar il-kwantifikazzjoni tas-serviġi għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-punti segwenti:

(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna megħjuna;

(ii) il-frekwenza tas-serviġi mogħtija;

(iii) in-natura tas-serviġi magħmula;

(iv) il-kedda u t-tbatija nvoluti biex jingħataw is-serviġi li dwarhom jintalab kumpens;

(v) il-grad ta' ħila jew speċjalizzazzjoni meħtieġa biex jingħataw tali serviġi;

(vi) jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna tkunx ukoll daħlet fi spejjeż jew infieq minn butha;

(vii) il-mezzi tal-persuna li bbenefikat mill-prestazzjonijiet.

Fir-rigward tal-grad ta' qrubija, Clarence Busuttil xehed fis-27 ta' Mejju 2021 illi Myriam Vincenti kienet bint Paul Busuttil u oħt il-Professur Edwin Busuttil u Cecil Busuttil. Il-Professur Edwin Busuttil kellu tliet subien bl-ismijiet Graham, Trafford u Clarence filwaqt illi Cecil kellu tliet ulied bl-ismijiet Anthony, Chris u Anne, li miżżewġa ġiet kunjomha Grech. Anthony Busuttil kellu lil Mark Busuttil (a fol. 59). Ikkonferma wkoll dan l-arblu tar-razza Anthony Busuttil fl-affidavit tiegħu maħluf fit-8 ta' Diċembru 2021 u ppreżentat fid-9 ta' Diċembru 2021 (a fol. 75). Minn din l-evidenza, il-Qorti wkoll setgħet tagħraf illi għalkemm fix-xhieda ta' Clarence Busuttil hemm imniżżel l-isem Trevor, fil-verita' dan l-isem huwa Trafford. Bħala konklużjoni fuq dan il-punt, dan ifisser illi l-atturi mertu ta' dan il-każ huma n-neputijiet ta' Myriam Vincenti. Fir-rigward tal-punti tnejn sa sebgħa imsemmija hawn fuq kienu diskussi iktar 'l fuq ta' din is-sentenza, fejn liema analiżi turi l-frekwenza u n-natura tas-serviġi, il-kedda u t-tbatija nvoluti biex jingħataw is-serviġi li dwarhom jintalab kumpens, il-grad ta' ħila jew speċjalizzazzjoni meħtieġa biex jingħataw tali serviġi, jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna tkunx ukoll daħlet fi spejjeż jew infieq minn butha u l-mezzi tal-persuna li bbenefikat mill-prestazzjonijiet.

Il-Qorti tqis illi l-quantum, u ċioe' l-ammont dovut tas-serviġi, jista' jitqies wieħed suġġettiv għalkemm irid jinħadem fuq il-punti elenkati hawn fuq. Il-Qorti taqbel ukoll li dan għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sad-9 ta' Novembru 2018. Il-Qorti qieset is-sentenza **Maria Patricia u Joseph konjuġi Pace -vs Helen Muscat pro et deċiża fid-29 ta' Frar 2024, mill-Qorti tal-Appell** peress li l-fatti kienu verament simili tal-każ in eżami u anke għall-fatt illi din is-sentenza hija riċenti. F'din is-sentenza, il-Qorti diversement presjeduta qieset "*li kumpens ġust għas-serviġi meqjusin kollha flimkien għandu jkun ta' €25 fil-ġimgħa.*" Il-Qorti tikkunsidra li ammont bħal dan ikun irriżorju fid-dawl tal-isforzi u servizzi reżi mill-attur. L-isforz kien ikbar u iktar intensiv mill-atturi meta rrendew is-serviġi minnhom reklamati.

Issa peress li s-serviġi f'din il-Kawża ingħataw mill-1 ta' Jannar 2009 sad-9 ta' Novembru 2018, il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont stabbilit f'dik is-Sentenza għandha tieħu kont ta' perjodi differenti biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni. Għalhekk il-kumpens ser ikun ikkalakulat hekk. Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-1 ta' Jannar 2014 bl-10 ewro kuljum, li jġibu €18,250. Mill-1 ta' Jannar 2014 sad-9 ta' Novembru 2018 bil-15 ewro kuljum li jġibu €17,107 jiġifieri b' kollox ħamsa u tletin elf, tlett mija u sebgħa u ħamsin ewro (€35,357).

*<u>Is-self u l-preskrizzjoni</u>*

L-ewwel m'għandha tkun epurata hija l-kwistjoni tal-preskrizzjoni fir-risposta ġuramentata iżda biss fir-rigward tas-self ta' flus mill-Atturi lil Myriam Vincenti. Il-preskrizzjoni sollevata hija dik ai termini tal-Artikolu 2157(e) tal-Kodiċi Ċivili (a fol. 36).

Fir-risposta ġuramentata tagħha l-konvenuta tagħti din l-eċċezzjoni mhux fis-sens li ma jeżistix iżda l-azzjoni biex ikun reklamat hija estinta ai termini tal-artikolu inkwistjoni għalkemm jeċċepixxu wkoll li qed jikkontestaw li sar dan is-self. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet huma inkompattibli ma' xulxin għaliex ma tistax fl-istess nifs tgħid li dan ġie preskritt iżda tgħid ukoll li jrid ikun pruvat. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tassumi l-eżistenza tad-dejn.

Issa l-Qorti fehmet li dan id-dejn kien jikkonsisti fis-somma globali ta' flus li ħarġu l-Atturi fl-interess tal-mejta. Skond l-Atturi dan id-dejn jammonta għal €124,165.81. Prova ta' dan id-dejn huma l-kwantita' ta' riċevuti li ġew esbiti mill-Atturi (Dok MB 10).

L-Atturi ppreżentaw kopja legali tal-ittra uffiċjali li tinsab a fol. 54 u liema data taqra s-27 ta' Settembru 2019 b'dan illi huma kissru l-preskrizzjoni minn din l-imsemmija data. Fil-fatt, il-Qorti tinnota wkoll illi l-konvenuta kienet ġiet notifikata b'din l-ittra (a fol. 54).

**<u>Self ta' flus</u>**

L-atturi jikkontendu fir-rikors ġuramentat li ppreżentaw fit-28 ta' Ottubru 2019 illi huma selfu lil Myriam Vinċenti l-ammont ta' Eur 124,165.81 għall-għixien tagħha billi ħallsu kontijiet tad-dawl u l-ilma, kontijiet ta' sptar privat fejn Myriam Vinċenti kienet rikoverata, investew flejjes personali tagħhom sabiex ir-rikavat minn tali investimenti ġie adoperat għall-għixien tagħha, ħallsu l-ispejjeż funerarji u diversi spejjeż oħra.

Min-naħa tagħha, il-konvenuta tikkontendi fir-risposta ġuramentata datata 25 ta' Frar 2020 illi l-atturi selfu dawn il-flejjes lil Myriam Vinċenti volontarjament u ma

jistgħux jitolbuhom lura, oltre' illi in parte din it-talba tal-atturi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (e) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ser tanalizza d-definizzjoni ta' self ta' flus sabiex wara ser teżamina l-preskrizzjoni fejn tkun tista' imbagħad tħares lejn l-irċevuti ppreżentati mill-atturi u minn fejn saru dawn il-ħlasijiet sabiex tiddetermina jekk dan is-self ta' flus hux verament dovut lill-atturi.

### i. Definizzjoni ta' self ta' flus

Is-self ta' flus jinkwadra ruħu fid-definizzjoni ta' mutwu fejn l-Artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi illi "*Il-mutwu jew self għall-konsum huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità*."

Inoltre', il-liġi tipprovdi illi dan is-self ta' flus mhux bilfors irid jingħata permezz ta' kuntratt bil-kitba. Fil-fatt, huwa prinċipju assodit fil-Liġi li mhux kull kuntratt irid ikun bil-kitba. Fis-sentenza ***Matthew Borg (K.I. nru. 419483M) vs Justin Haber (K.I. nru. 278281M)***, il-Qorti qalet illi "*Meta l-liġi titkellem dwar kuntratt ma jfissirx li dan għandu dejjem ikun bil-miktub. Skond artikolu 960 tal-Kodiċi Ċivili "Il-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni". Issa hemm kuntratti li jeħtieġ isiru taħt piena ta' nullita' bil-forma miktuba, bħal pereżempju konvenji fejn ikun wegħda ta' bejgħ ta' immobbli. Filwaqt li hemm oħrajn jistgħu ikunu fil-forma verbali biss. Is-self huwa wieħed mill-kuntratti fejn il-forma miktuba ma hiex meħtieġa (Ara Sentenza*

*tal-Appell tat-12 ta' Frar 2018 fl-ismijiet George Zammit f'ismu proprio et nomine -vs- Angelic Mifsud et).*"

Għal din il-Qorti lanqas ma huwa element *sine qua non* li biex jirriżulta l-muutum li l-partijiet ikunu speċifikament sejħulu hekk. Ikun biżżejjed li l-kreditur ikun nefaq flejjes fl-interess tad-debitur mingħajr dan qatt ma oppona. Jibqa' għalhekk li l-ammont globali jrid jintradd lura sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor.

**ii. Preskrizzjoni**

Ġjaladabra l-konvenuta eċċepiet il-preskrizzjoni fir-risposta ġuramentata tagħha, inkwantu jirrigwarda s-self, din il-Qorti trid bilfors tara jekk din tapplikax għall-każ in eżami.

Bħala punt ta' tluq, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 2107 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi illi *"(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi. (2) Il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wieħed jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi."* Ma hemm ebda dubbju li dak li għandha f'moħħha l-konvenuta hija l-aħħar parti ta' dan l-artikolu u ċioe' li teħles mill-azzjoni tal-Atturi inkwantu s-self. Għalhekk dak li qed tinvoka hija kjarament il-preskrizzjoni estintiva.

Min-naħa tagħha, il-konvenuta tirreferi għall-artikolu 2156 (e) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi li għandha tapplika preskrizzjoni ta' ħames snin għall-"*azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self,*

*jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku.*" Għaldaqstant, il-konvenuta targumenta illi *se mai*, l-atturi għandhom dritt għal xi flejjes mis-27 ta' Settembru 2014 sas-27 ta' Settembru 2019.

L-atturi ppreżentaw kopja legali tal-ittra uffiċjali li tinsab a fol. 54 datata 27 ta' Settembru 2019 b'dan illi huma għalhekk kissru l-preskrizzjoni minn din l-imsemmija data, u dan ai termini tal-Artikolu 891 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (a' fol 54). Jirriżulta li l-konvenuta kienet ġiet notifikata b'din l-ittra fit-3 ta' Ottubru 2019 (a fol. 54). L-Atturi jikkontendu li jrid ukoll japplika l-Artikolu 1078 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi li "*Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġie mħolli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:*

*(a) jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi esegwita fi żmien sentejn, jekk din is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax, jew, fi żmien sitt snin jekk is-somma għandha tingħata bl-imgħax;*

*(b) jekk l-obbligazzjoni jkollha bħala oġġett tagħha xi ħaġ'oħra li ma tkunx somma ta' flus, iż-żmien li fih għandha tiġi esegwita l-obbligazzjoni jiġi stabbilit mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi.*"

Għaldaqstant, l-atturi jikkontendu li l-perjodu miksur tal-preskrizzjoni huwa mis-27 ta' Settembru 2012 sas-27 ta' Settembru 2019 (a fol. 475).

Il-Qorti tqis illi l-perjodu li jista' jkollhom dritt għal xi ħlasijiet l-atturi huwa mis-27 ta' Settembru 2012 sas-27 ta' Settembru 2019 u dan għaliex l-Artikolu 1073 tal-Kodiċi Ċivili, jipprovdi illi "*Iż-żmien jitqies dejjem li ġie miftiehem favur id-debitur, jekk mill-ftehim jew miċ-ċirkostanzi ma jkunx jidher li jkun ġie miftiehem ukoll favur il-kreditur.*" Huwa fatt li Myriam Vincenti ma setgħetx trodd lura dawn il-flejjes lill-atturi għaliex ma kellhiex il-mezzi likwidi li jippermettulha tagħmel dan tul ħajjitha. Fil-fatt, Clarence Busuttil xehed fis-27 ta' Mejju 2021 illi "*Iz-zija tiegħi qatt ma ħadmet, qatt ma naf li ħadmet f'ħajjitha*" (a fol. 62). Mark Busuttil ukoll xehed l-istess verżjoni ta' fatti (a fol. 129). Anzi dan jgħid illi kienet tirċievi biss il-manteniment mingħand żewġha, Hilarie Vincenti, liema ammont ta' manteniment kien biss ta' €349.40 fix-xahar mis-sena 1978 sas-sena 2013. Fil-fatt, il-konvenuta stess ukoll ammettiet illi sas-sena 2013, Myriam Vincenti "*qatt ma talbet ċenteżmu ulterjuri*" (a fol. 300) mingħand żewġha.

Dan il-manteniment kien awmentat għal €1185 fix-xahar u li pero' kien ġie mwaqqaf, u dan kif jidher ċar fl-affidavit tal-konvenuta (a fol. 287). Fil-fatt, il-verbal datat 8 ta' Frar 2024 huwa wkoll ċar illi "*Il-partijiet qed jaqblu li ċertament kien hemm rifużjoni ta' Eur 15,000 da parti ta' l-atturi li ħarġu l-fondi tagħhom rappreżentanti manteniment riċevut lil Miriam Vinċenti mingħand żewġha Hilarie Vincenti u dan wara d-digriet tal-20 ta' Frar 2018*" (a fol. 406). Dan ċertament juri li Myriam Vincenti ma kellhix mezzi sabiex tirrifondi lura xi flejjes li hi setgħet irċeviet mill-Atturi iżda kien proprju biss wara mewtha li l-Atturi setgħu jieħdu dawn il-flejjes lura mill-wirt. Wieħed jista' jargumenta li Myriam Vincenti wkoll irċeviet xi ħlasijiet mis-Sigurta' Soċjali, hekk kif xehed Saviour Theuma fit-28 ta' Novembru

2023 u ppreżenta l-ammont rispettiv (a fol. 328 sa 335). Iżda ċertament illi ammont ta’ bejn wieħed u ieħor €2,000 fis-sena mhuwiex biżżejjed biex persuna tgħix ħajja dinjituża.

Il-konvenuta allegat illi Myriam Vincenti kellha proprjeta’ immobbli li biha setgħet tħallas lill-Atturi (a fol. 299). Il-konvenuta wkoll allegat illi Myriam Vincenti tat b’titolu ta’ donazzjoni dawn il-proprjetajiet lit-tfal tal-Atturi, dwar liema kuntratti fil-fatt il-konvenuta istitwit azzjoni quddiem Qorti sabiex dawn ikunu dikjarati nulli. Pero’, din il-Qorti tirrileva li t-talba tal-konvenuta sabiex dik il-Kawża tinstema’ kontestwalment ma’ din il-Kawża ġiet miċħuda, u li għalhekk anke l-Qorti stess diversement presjeduta qed tqis it-talba ta’ self ta’ flus hija distinta mill-kuntratti ta’ donazzjoni (a fol. 52). Di piu’ Artikolu 1078 hawn fuq imsemmi jgħid ċar li l-partijiet jistgħu jaqblu li d-debitur jiddeċiedi hu meta jrid jitħallas lura għall-flejjes imsellfa.

**iii. L-ammont tal-ispejjeż ippreżentat mill-atturi**

Ġjaladarba huwa stabbilit illi Myriam Vincenti ma kellhix mezzi ta’ għixien oltre’ l-manteniment li kienet tirċievi mingħand żewġha u ma kinitx taħdem, juri li Myriam Vincenti verament kienet tiddependi fuq in-neputijiet tagħha. Il-Qorti tinnota, illi l-atturi ppreżentaw diversi irċevuti sabiex juru l-ħlasijiet kollha li huma wettqu għall-benefiċċju ta’ Myriam Vincenti. Mark Busuttil xehed l-ewwel darba dwar dawn l-ispejjeż u ppreżenta diversi irċevuti fid-9 ta’ Diċembru 2021 (a fol. 69 sa 78 sa 102) u xehed illi l-ispejjeż kienu s-segwenti:

1. Spejjeż imħallsa lil St. James Capua Hospital.
2. Spejjeż imħallsa lil Casa Antonia.

3. Spejjeż imħallsa lill-ARMS Ltd. għall-kontijiet tad-dawl u ilma

4. Spejjeż pagabbli lill-*carer* ta’ Myriam Vincenti.

5. Spejjeż funerarji.

6. Investimenti li ngħataw lil Myriam Vincenti.

Mark Busuttil reġa’ xehed fuq dawn l-ispejjeż fis-17 ta’ Ġunju 2022 (a fol. 119 sa 124). Huwa spjega eżattament l-ispejjeż fir-rigward tal-*carers*, u dan għaliex kien hemm iktar minn *carer* waħda, l-ispejjeż li saru fid-dar sabiex Myriam Vincenti kienet aktar komda qabel daħlet il-*home* Casa Antonia, speċjalment meta wieħed iqis li kienet ta’ eta’ tant avvanzata u anke għaliex kienu saru xi ħsarat fid-dar,

Mark Busuttil xehed għat-tielet darba dwar l-ispejjeż fis-26 ta’ Ottubru 2022 fejn żied li dawk relatati mal-GO plc u Melita plc, mat-tiswijiet tad-dar u saħħa (a fol. 127 sa 131). Il-Qorti setgħet tara li hemm ukoll imniżżel *rents* fuq l-*excel sheet* ippreżentata iżda ma setgħet issib ebda dokumentazzjoni fir-rigward sabiex tifhem fhix eżatt jikkonsistu jew xhieda fuq dawn u għaldaqstant, ser tkun qed tiskarta dan l-ammont.

Minn dawn it-tliet xhieda, il-Qorti setgħet tikkonstata dawn l-ispejjeż:

1. Spejjeż imħallsa lil St. James Capua Hospital. Mark Busuttil ippreżenta kopji tal-*invoices* maħruġa mill-isptar li jinsabu a fol. 79 sa 83 filwaqt li l-irċevuti jinsabu a fol. 84 u 85. L-ammont globali tal-*invoices* huwa ta’ **Eur 24,047.45** filwaqt li l-irċevuti juru ammont inqas u dan għaliex jidher ċar illi l-irċevuti huma fuq l-ewwel żewġ *invoices* filwaqt li fuq it-tielet *invoice* hemm miktub *paid*. Fil-fatt, jekk wieħed jieħu l-valur tal-irċevuti u jżid il-valur tat-tielet *invoice* jiġi jaqbel daqs l-ammont

globali tal-*invoices*. Għaldaqstant, din il-Qorti trid tieħu l-ammont ta' Eur 24,047.45 bħala dak korrett u li verament tħallas lill-isptar.

2. Spejjeż imħallsa lil **Casa Antonia**. Ix-xhud ippreżenta kopji tal-*invoices* (a' fol. 86 sa 94 u irċevuti a fol. 95 u 96). Xehdet ukoll fuq dan il-fatt Antonia Attard li hija nkarigata minn din il-home fit-28 ta' Novembru 2023 fejn xehdet illi "… *m'hemmx kontijiet pendenti*" (a fol. 316). Dan ifisser illi kull *invoice* ippreżentata fl-atti ġiet imħallsa żgur u għalhekk, il-Qorti għandha tqis l-ammont globali tal-*invoices* anke jekk dan l-ammont hu inqas mill-irċevuti li jinsabu fi-proċess fejn l-ammont globali huwa ta' **<u>Eur 20,990.82</u>**. Dawn l-ispejjeż kienu għall-ewwel qed jitħallsu minn Hilaire Vincenti iżda l-atturi kellhom jirrifonduhom lura, u dan skond ix-xhieda ta' Mark Busuttil datata (ara a' fol. 70 u a' fol. 121).

3. Spejjeż imħallsa lill-ARMS Ltd. għall-kontijiet tad-dawl u ilma. Il-Qorti setgħet tara kopja ta' *invoice* datata 28 ta' Marzu 2017 (a fol. 97) u hemm iktar kopji tal-*invoices* (a fol. 226 sa 247). L-ammont huwa ta' **<u>Eur 7,510.09</u>** fejn il-Qorti setgħet tara illi l-*invoice* datata 8 ta' Jannar 2016 (a fol. 227) hija mdaħħla mal-*invoice* datata 3 ta' Marzu 2016 (a fol. 226), l-*invoice* datata 6 ta' Mejju 2010 hija preskritta (a fol. 245) filwaqt li l-*invoice* datata 15 ta' Jannar 2017 (a fol. 247) tinsab ukoll a fol. 246 b'dan illi dawn l-*invoices* ma tqiesux fl-ammont imniżżel hawnhekk li tħallas lill-ARMS Ltd. L-ispejjeż żdiedu lejn l-aħħar snin qabel mietet Myriam Vincenti f'dan ir-rigward għaliex Mark Busuttil xehed fis-16 ta' Mejju 2023 illi " … *il-carers kienu joqogħdu god-dar* …" (a fol. 283) għaliex "*Biex issib, dak iż-żmien biex insibu carers kienet problema. Allura biex nattirawhom tajniehom*

*post fejn joqogħdu*" (a fol. 284) fejn xehed ukoll li kien hemm bejn tlieta u erbgħa *carers* jaħdmu bix-xift. Fil-fatt, numru 4 hawn taħt turi li verament kien hemm diversi *carers* jieħdu ħsieb Myriam Vincenti.

4. Spejjeż pagabbli lill-***carers*** ta' Myriam Vincenti. Mark Busuttil xehed fis-17 ta' Ġunju 2022 illi "*Parti mill-kura taz-zija ta' missieri kienet li kellha l-carers magħha u kif ukoll il-bżonnijiet ta' kuljum. Iġifieri s-sistema li kellna li every two weeks konna nagħtuhom, konna nagħtuhom l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro, biex jixtru s-supplies tagħhom, kemm għaliehom u kemm għaz-zija … Kif ukoll meta daħlet il-home biex inġibulha aktar care magħha, kien hemm żewġ options li kellna, li jew inħallsu lill-home iktar, jew inġibu l-carers tagħna. Għamilna Sistema fejn fil-bidu kellha naqra iktar care, sakemm issetiljat, jiġifieri kellha carer magħha kważi twelve to thirteen hours a day. U din insomma bdiet, naqset fis-sena ta' wara, fit-2016 u 2017 u fl-aħħar żdiedet naqra*" (a fol. 119) imbagħad xehed illi "*Kien hemm carer li kienet telqet, parti mill-agreement tagħna, kien li nħallsulha vjaġġ biex tmur lura d-dar …*" (a fol. 119) … "*Iġifieri apparti l-kuntratt li diġa ppreżentajna, jidhirli fid-darba ta' qabel, kien hemm xi nine thousand euro, fuq it-tliet snin l-oħra, iġifieri 16, 17, u 18, fit-2016 kien hemm fifteen thousand, fit-2017 kien hemm thirteen thousand u fit-2018 kien hemm ten thousand … Dan huwa maħdum bir-rata ta' five euro is-siegħa, based fuq is-siegħat li jkunu ħadmu*" (a fol. 120). Xehed ukoll illi "*Trid tħallsilhom l-ikel ukoll*" (a fol. 122) lill-*carers*. Pero', il-kuntratt ta' waħda mill-*carers* ippreżentat minn Mark Busuttil juri r-rata ta' €4.20 fis-siegħa (a fol. 98). Iżda, fl-istess waqt, Mark Busuttil reġa' xehed fid-19 ta' Jannar 2023 (a fol. 127 sa 131) fejn ippreżenta fid-

dettall l-irċevuti li kien hemm kif ukoll l-ismijiet tal-*carers* u l-ħinijiet li ħadmu ma' Myriam Vincenti meta kienet Casa Antoina (a fol. 181 sa 221). Dan ifisser li l-ammont globali indikat mill-atturi bħala dawk imħallas lill-*carers* u l-ispejjeż għall-għixien tagħhom kien ta' €9,080.74 (a fol. 78) u €58,750 (a fol. 124) bl-ammont globali ta' **Eur 67,830.74** huwa wieħed ippruvat sal-grad ta' probabbilita'. Jidher ċar minn fol. 124 illi l-ispejjeż tal-*carers* awmentaw meta Myriam Vincenti daħlet Casa Antonia fid-29 ta' Frar 2016 (a fol. 316). Għalkemm mhux kull *carer* kienet irreġistrata fuq Myriam Vincenti, u dan skond ix-xhieda ta' Louis Buhagiar tat-28 ta' Novembru 2023 (a fol. 322 sa 327), il-kopja tat-*timesheets* li tinsab a fol. 184 sa 206 turi l-istampa ċara immens tal-ismijiet tal-*carers* li kienu jieħdu ħsieb Myriam Vincenti.

5. Spejjeż funerarji. Mark Busuttil ippreżenta kopja tal-*invoice* li tinsab a fol. 99 u fuq wara tal-paġna hemm kopja taċ-ċekk u anke tal-irċevuta tal-VAT. L-ammont hu ta' **Eur 4,068.86**. Għalkemm l-ammont taċ-ċekk huwa ftit inqas, din il-Qorti trid tqis l-ammont imniżżel fuq l-irċevuta tal-VAT għaliex dik l-irċevuta hija uffiċjali.

6. Investimenti li ngħataw lil Myriam Vincenti. Mark Busuttil xehed l-ewwel darba li l-ammont huwa ta' **Eur 66,162.50** (a fol. 78). Il-Qorti setgħet tara wkoll mid-dokumentazzjoni li tinsab a fol. 100 sa 102 fejn kienu jinsabu l-investimenti u għaldaqstant, tqis illi dan l-ammont huwa veritier.

7. Spejjeż relatati mat-tiswijiet tad-dar fejn Myriam Vincenti kienet toqgħod u ta' saħħa. Mark Busuttil ipprovda rendikont qasir li jinsab a fol. 124. Pero' ipprovda wkoll fix-xhieda ta' wara rendikont dettaljat ta' dawn l-ispejjeż li jammontaw għal **Eur 9,094.55** (a fol. 135 sa 179). Din il-Qorti setgħet tinnota li kien hemm xi

irċevuti li ma tantx kienu ċari iżda kienu jidhru li minn farmaċija b'dan illi jidhru li għandhom x'jaqsmu ma' saħħa. Ukoll, Christopher Busuttil xehed fit-28 ta' Frar 2022 illi kien hemm diversi tiswijiet tul is-snin li kellhom isiru fil-fond fejn kienet tirrisjedi tul ħajjitha Myriam Vincenti qabel marret Casa Antonia (a fol. 104 sa 106). Inoltre', Mark Busuttil xehed fid-9 ta' Marzu 2023 illi kien hemm *leaks* tal-ilma li kellhom jissewwew (a fol. 272) u reġa' xehed fuq l-istess punt fis-16 ta' Mejju 2023 illi kien hemm l-ispejjeż fuq it-tiswijiet tad-dar fiż-żminijiet riċenti għaliex "… *kien hemm xi leaks u kien hemm xi problemi fid-dawl li kellna nieħdu ħsiebhom*" (a fol. 284). Fir-rigward għaliex hemm irċevuti f'isem Tuse Borg, Mark Busuttil xehed fis-16 ta' Mejju 2023 illi "*Tuse Borg kien il-handyman li kien imur jaħdmilha … kien imur jixtrihom u mbagħad jagħtina l-kont*" (a fol. 284)

8. Spejjeż imħallsa lill-GO plc. Mark Busuttil ippreżenta diversi kopji tal-*invoices* li ftit minnhom jidher li hemm ukoll irċevuta tagħhom li globalment jinsabu a fol. 223 sa 235. L-ammont globali hu ta' **<u>Eur 357.91</u>** b'dan illi l-Qorti qieset illi l-*invoice* li tinsab a fol. 225 hija mħallsa skond l-irċevuta li tinsab a fol. 229, l-*invoice* li tinsab a fol. 230 jidher li kienet imħallsa ftit wara skond l-irċevuta li tinsab a fol. 230, l-*invoice* li tinsab a fol. 232 tħallset skond l-irċevuta li tinsab a fol. 232 u l-istess fir-rigward tal-invoice li tinsab a fol. 234.

9. Spejjeż imħallsa lill-Melita plc. Mark Busuttil ippreżenta diversi kopji tal-*invoices* li jinsabu a fol. 248 sa 251. L-ammont globali huwa ta' **<u>Eur 940.70</u>**. Il-Qorti kkunsidrat illi l-invoice li tinsab a fol. 248 tkopri ftit żgħira miż-żmien li mhux preskritt u għaldaqstant, din l-*invoice* ġiet skartata filwaqt illi l-irċevuti li jinsabu a fol. 248 u 251 huma bla data u għalhekk ukoll ġew skartati.

L-ispejjeż globali imsemmija hawn fuq kollha magħduda flimkien jammontaw għal **<u>Eur 201,003.62.</u>** B'dan illi jekk jitnaqqas l-ammont ta' manteniment li rċeviet Myriam Vincenti sakemm kellha wkoll tirrifondi l-flejjes lura kif ukoll jekk isir it-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet mis-Sigurta' Soċjali jidher li l-ammont ikun ferm ogħla minn dak mitlub mill-atturi.

Inoltre', il-Qorti tqis li minbarra d-dokumentazzjoni estensiva hawn fuq imsemmija ippreżentata mill-Atturi, Mark Busuttil preżenta wkoll fix-xhieda tiegħu *excel sheet* li turi eżattament il-pagamenti kollha li saru minn kont bankarju li kien infetaħ proprju għall-ispejjeż ta' għixien ta' Myriam Vincenti (a' fol. 254A u 255 u a' fol. 256 sa 267). L-atturi baqgħu fermi mat-talba ta' **<u>Eur 124,165.81</u>** anke fin-nota ta' sottomissjonijiet. Fil-fatt, dawn l-ispejjeż kienu wkoll spjegati fid-dettal fin-nota ta' sottomossjonijiet tal-atturi (a fol. 473). Imma fost dawn l-ispejjes jissemmew **€4068.86** bħal spejjes funerarji. Il-Qorti ma tistax tifhem kif dawn qatt jistgħu jikkwalifikaw bħal self għaliex Miriam Vincenti kienet mejta meta saret din l-ispiża, is-self sir lill-ħajjin u mhux lill-mejtin u jekk qatt talba bħal din kellha ssir kontra l-eredita' tagħha. Għalhekk l-ammont li din il-Qorti qed taċċetta li ġie misluf huwa dak ta' **<u>€120,096.95.</u>**

Il-Qorti tqis li għalkemm ma kienx hemm irċevuti ta' kull transazzjoni, l-atturi ppreżentaw il-kopja tal-i*statements* tal-bank li jinsabu a fol. 256 sa 267 minn fejn kienu jsiru l-ħlasijiet u dejjem kienu konsistenti fix-xhieda tagħhom. Fil-fatt, fuq dan il-punt, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza ***Doris Buttigieg Vs Joseph u Mary Rose konjuġi Caruana Smith*** fejn il-Qorti kkonkludiet illi "*Min jallega pagament għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-Qorti; u fid-dubbju u fin-*

*nuqqas ta' riċevuta għandha tipprevali l-preżunzjoni li d-dejn ma tħallasx (Kollez 37 p1 p 535), jekk ma jiġix pruvat b'mezzi oħra (Kollez 35 p3 p 604; XLIX p 2 p 777). Provi oħra konvinċenti jibbastaw skond iċ-ċirkostanzi u l-fatti tal-każ li jkun, kif emerġenti mir-riżultanzi proċesswali (App Kum Buttigieg vs Portelli 26/1/1976; App Chetcuti vs Pearson 5/10/1998).*"

Il-Qorti setgħet tasal għal din il-konklużjoni fuq il-prinċipju li "*il-grad ta' prova mistenni fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tistenna li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli, huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din ċ ċertezza morali f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet (ara* ***sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' April, 2017 fil-kawża fl ismijiet Mary Briffa v. Consiglia Abela****)*."

L-Atturi wkoll ikkontendew illi dawn il-ħlasijiet kienu jsiru minn kont li kien infetaħ proprju sabiex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb lil Myriam Vincenti. Fil-fatt, xehdet fuq dan il-punt Lorraine Attard bħala rappreżentant tal-HSBC Bank Malta plc (a' fol. 400 u 401 u a' fol. 408 sa 410). Din qalet illi "… *dan il-kont … huwa current account li kien f'isem Graham Busuttil … u Anthony Busuttil. Il-kont infetaħ fis-17 ta' Diċembru 2009, u għalaq fil-5 ta' Awwissu tat-2020* …" (a fol. 400) " *… sibt depożiti rigwardanti imgħaxijiet ta' stocks, ta' Grand Harbour Marine, BOV Corinthia Finance u premium capital kif ukoll xi depożiti li jindikaw li huma redemption tal-istess … fil-kont ukoll sibt transfer minn securities' account … cheques' deposits … ukoll transfer mingħand Kalamatta Cuschieri … Barra minn hekk, kull xahar kien hemm standing order ġejja min-naħa tal-BOV, kienet ta'*

*350* … (a fol. 408). Kompliet tgħid illi "*Abbinat mal-kont iva, id-dipartiment tawni dokument li kien hemm prokura a favur Miriam Vincenti*" (a fol. 409). Lorraine Attard ukoll ippreżentat kopja tal-i*statements* tal-Bank (a fol. 338 sa 399).

Il-Qorti tqis ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 (3) tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi li "*Ir-raġel u l-mara, sakemm jistgħu jieħdu l-manteniment mingħand xulxin, ma jistgħux jitolbuh mingħand uliedhom jew dixxendenti oħra jew mingħand l-axxendenti tagħhom.*" Għaldaqstant, kien l-obbligu tar-raġel tagħha, Hilaire Vincenti, li jara li martu tinsab sew u mhux tad-dixxendenti tagħha, b'dan li ċertament għandhom jirċievu lura dawn il-flejjes li ħarġu għan-nom ta' Myriam Vincenti. Il-Qorti tqis ukoll illi l-Artikolu 19 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, espressament jipprovdi x'jinkludi manteniment.

Meta wieħed iqis dawn l-ispejjeż, il-konvenuta tikkontendi li Myriam Vincenti messha marret fi sptar tal-Gvern meta kellha bżonn u ħadet kura f'dar tal-anzjani tal-Gvern, għalkemm huwa importanti li jingħad illi jidher mir-rikors li kien ippreżentat mill-kuratriċi tal-istess Hilaire Vincenti, fejn hi stess qalet "*Illi l-esponenti taċċetta wkoll li llum iċ-ċirkostanzi ta' Myriam Vincenti, li għandha 98 sena, tbiddlu wara waqgħa u intervent kirurgu*" (a fol. 41) u kellha bżonn attenzjoni speċifika. Fuq dan il-punt, Mark Busuttil, meta kien qed jixhed fis-16 ta' Mejju 2023, ġie mistoqsi għaliex Myriam Vincenti ma ħaditx kura mill-Gvern u mhux fil-privat u xehed illi "… *meta kellha bżonn marret l-isptar privat*" (a fol. 281) u anke spjega fix-xhieda tiegħu li Myriam Vincenti ma kinitx eliġibbli għall-flejjes li jagħti l-Gvern meta wieħed iġib *carer* id-dar, għalkemm anqas ma raw jekk Myriam Vincenti kinitx eliġibbli tirrisjedi San Vinċenz De Paul (a fol. 282).

Biss pero', Il-Qorti tqis illi Myriam Vincenti u Hilaire Vincenti qatt ma sseparaw *de jure* sakemm mietu. Fil-fatt Mark Busuttil xehed f'dan ir-rigward illi "*kien hemm proċedura ta' separazzjoni li kienet għaddejja li waqfet ħesrem, lejn l-aħħar*" (a fol. 72). Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi Myriam Vincenti kellha d-dritt illi tgħix ħajja dinjituża bl-istess kapriċċi li għex żewġha u dan għal tliet raġunijiet.

L-ewwelnett, il-Qorti tirrileva li t-teżi tal-Atturi li fil-fatt Myriam Vincenti sfat abbandunata minn żewġha, Hilaire Vincenti, u mhux viċe versa, hija veritiera għar-raġuni li l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, jipprovdi li hi ma kinitx tkun eliġibbli għall-manteniment li kieku instabet ħatja ta' abbandun tad-dar matrimonjali. Irid jingħad, illi hekk kif kien hemm rikorsi intavolati sabiex jitwaqqaf il-manteniment li kienet qed tirċievi Myriam Vincenti mill-konvenuta lejn l-aħħar tas-snin ta' ħajjitha, ċertament li kienet tipprova wkoll twaqqaf il-manteniment kollu u titlob ir-rifużjoni totali tiegħu.

It-tieni, jidher mir-rikors li kien ippreżentat mill-kuratriċi tal-istess Hilaire Vincenti, fejn hi stess qalet "*Illi taqbel ukoll li Hilaire Vincenti jinstab rikoverat fl-istess dar ta' l-anzjani jiġifieri Casa Antonia ta' Pope Alexander VII Junction, Balzan*" (a fol. 41) u għaldaqstant, anke Myriam Vincenti kellha allura d-dritt tmur fl-istess dar tal-anzjani. It-tielet, l-Artikolu 19 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, espressament jipprovdi x'jinkludi manteniment filwaqt li l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi jipprovdi kif għandu jkun ikkalkulat l-ammont tal-manteniment.

Il-Qorti tqis illi Myriam Vincenti kienet taf bil-patrimonju tar-raġel tagħha. L-Atturi ppreżentaw kopja tat-testment ta' Hilaire Vincenti li juri ċar u tond illi li kieku Myriam Vincenti wirtet l-assi li ħallielha żewġha kien ikun hemm biżżejjed assi

sabiex jitħallsu s-serviġi u s-self minnhom mitlub (a' fol. 18). Skond Mark Busuttil, huwa xehed illi kemm Myriam Vincenti u n-neputijiet kienu ben konsapevoli li Hilaire Vincenti kellu patrimonju kbir ta' assi, b'dana li pero' Myriam Vincenti ma wirtet xejn għax mietet qablu (a fol. 73). Reġa' xehed dwar l-istess punt fis-17 ta' Ġunju 2022 (a fol. 121). Anthony Busuttil ukoll ta eżempji ċari dwar il-patrimonju li kellu Hilaire Vincenti (a fol. 76).

**Imgħax**

Fir-rigward ta' l-ammont dovut mill-konvenuta lill-Atturi bħala tas-serviġi, diversi huma l-pronunzjament fuq dan il-punt. Fir-rikors ġuramentat l-Atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni tal-kumpens għas-serviġi.

Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imgħax jingħad li l-prinċipju ġenerali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun ġie likwidat. Il-prinċipju hu li in *illiquidis non fit mora* għax l-imgħax għandu jgħaddi biss minn meta l-ammont huwa ċert, likwidu u skadut u ċioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirriżulta li mhux kollu dovut.

Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm għandu jħallas u minħabba f'hekk ma jkunx jista' jħallas u għalhekk ma jkunx moruż fil-pagament. Dan il-prinċipju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jingħad li jkun kostitwit in mora. Ara f' dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-ġurisprudenza tista' tgħid hija paċifika:

Sentenza fl-ismijiet **Salvatore Camilleri noe -vs- Candida Dimech ed altri tad-9 ta' April, 1877, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili** fejn ġie deċiż illi:

*“............. il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione.............”* Ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli noe (18 ta’ Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummerċjali** rriteniet illi*: “I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione”*. Hemm ukoll **Mallia Tabone Utrinque tat-8 ta’ Diċembru, 1903 Filippo Farrugia Gay -vs- Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali noe (12 ta’ Mejju, 1916), Qorti ta’ l-Appell** fejn intqal illi: “*Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione”*. U kif ukoll **Sentenza fl-ismijiet Vincente Grech et -vs- Onor. Prof. AIC John Gatt noe (24 ta’ Ottubru, 1941) Qorti ta’ l-Appell** fejn għal darb’oħra intqal illi: “... meta s-somma ma tkunx likwidata l-imgħax jibda jiddekorri mill-ġurnata tal-likwidazzjoni”.

Għalhekk din il-Qorti tgħid li l-imgħax fuq l-ammont ta’ kumpens dovut, jiddekorri mis-Sentenza sal-pagament efffettiv.

Fir-rigward ta’ l-ammont dovut mill-konvenuta lill-atturi bħala self ta’ flus, l-atturi qegħdin jitolbu l-imgħax mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat. Pero’, billi fil-kawża l-Atturi qed jitolbu ammont speċifiku, ma jfissirx li għalhekk biss allura ma japplikawx ir-regoli ta’ somma li għad trid tkun likwidata. Tant li sabiex din il-Qorti tasal għall-ammont misluf kellha teżamina kull dokument, ifisser li sal-mument tal-Kawża dan l-ammont ma kienx għadu likwidu. Tant dan huwa, li din il-Qorti ser tagħti ammont anqas minn dak mitlub għal ċertu spejjes li ma setgħux

jikkwalifikaw bħala self. Lanqas fl-ittra uffiċjali ma talbu ammont ċert. Għalhekk il-Qorti ser taċċetta imgħax mid-data ta' din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi pprestaw diversi serviġi lil Myriam Vincenti tul ħajjitha, għal liema huma għadhom qatt ma ġew kompensati u liema serviġi għandhom jiġu kompensati u mħallsa lill-Atturi mill-konvenuta bħala eredi ta' Hilaire Vincenti li kien a sua volta eredi ta' martu Myriam Vincenti.

**Tilqa' it-tieni talba** u tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi għas-serviġi minnhom prestati lil Myriam Vincenti kif premess fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf, tlett mija u sebgħa u ħamsin ewro **(€35,357)** bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-atturi l-kumpens għas-serviġi likwidat ai termini tat-talba preċedenti.

**Tilqa' r-raba' talba** u tiddeċiedi li l-atturi silfu diveri flejjes lill-istess Myriam Vincenti għall-għixien tagħha u daħlu fi spejjeż fl-interess tal-istess Myriam

Vincenti ammontanti kumplessivament għal somma ta' mija u għoxrin elf, sitta u disgħin punt ħamsa u disgħin ċenteżmu tal-ewro **(€120,096.95).**

**Tilqa' l-ħames talba** u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-atturi s-somma ta' miija u għoxrin elf, sitta u disgħin punt ħamsa u disgħin ċenteżmu tal-ewro **(€120,096.95)** għar-raġunijiet fuq spjegati bl-imgħaxijiet mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż proċedurali jitħallsu kollha mill-konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**